MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 76/2005

Kawza fil-lista: 28

**A B**
**vs**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici A B u l-konvenut C D E izzewgu fis-6 ta’ Dicembru, 2003 (Dok RF1 anness);

U premess illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija

psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

U premess illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

U premess illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tas-6 ta’ Dicembru, 2003 fuq imsemmi kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini tal-artikoli 19(d) u 19(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attrici u l-lista tax-xhieda;

Rat li l-konvenut debitament ingunt ghazel li jibqa’ kontumaci;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut kuntrattat fis-6 ta’ Dicembru 2003 huwa null fil-ligi, fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255; u dan ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut.

Mill-provi rrizulta pacifiku bejn il-partijiet li fis-6 ta’ Dicembru 2003, l-attrici, mara ta’ nazzjonalita’ Marokkina li f’ dak iz-zmien kellha 38 sena, izzewwget mal-konvenut,

ragel ta' nazzjonalita' Maltija li f' dak iz-zmien kellu 66 sena u li diga' kellu tlett it-tfal minn mara ohra u seba neputijiet. Dawn izzewwgu wara circa xahrejn li ltaqghu; u ftit xhur wara, il-konvenuta telqet mid-dar konjugali. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Irrizulta li l-inkwiet matrimonjali bejn il-koppja beda mill-ewwel jiem taz-zwieg meta l-attrici kienet esprimiet ix-xewqa kbira li kellha li jkollha tfal. Di fatti hi tghid li kienet izzewget principalment ghal dan il-ghan, u inoltre ma rieditx li thalli izjed zmien jghaddi minhabba l-eta' taghha. Minn naha tieghu l-konvenut, kemm minhabba sahhtu, kemm minhabba l-eta' tieghu, kif ukoll ghax diga'kellu tlett it-tfal, ma riedx li jkollu tfal f' dan iz-zwieg u, ghalkemm ma kienx informa lill-attrici b' dan, huwa mill-bidu nett kien eskluda li jkollu izjed tfal. Di fatti l-attrici ssostni li z-zwieg ma kienx giet ikkonsmat. Il-konvenut jghid li huwa kien izzewweg biss biex ikollu kumpanija u biex ikollu min ilestilu l-affarijiet peress li kien ilu zmien jghix wahdu.

Mill-kwadru premess il-Qorti tirravviza l-*caput nullitatis stiputat* fil-paragrafu [f] tal-Artikolu precitat li jikkontempla l-vizzju tal-kunsens minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja matrimonjali, jew tad-dritt ta' l-att konjugali.

In tema legali hija opportuna l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002,* is-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996].*

Inoltre jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-fatt li anke jekk parti wahda tkun eskludiet li jhollhom tfal huwa bizzejjed biex jirrendi z-zwieg null [*PA Anna Galea vs John Walsh 1994* citata fil-kawza *PA Marita Schembri vs Emanuel Schembri deciza 9 ta' April 2003*].

Ghax l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg huma bazati fuq il-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghall-hajja komuni bazata fuq l-ben essere reciproku, prokreazzjoni ta' l-ulied u t-trobbija taghhom. Ghaldaqstant l-eskluzzjoni posittiva ta' l-ahhar zewg fatturi tirrendi z-zwieg null, *multo magis* meta dina tkun mistura lill-parti l-ohra kif irrizulta f' dan il-kaz.

Fil-kaz odjern jirrizulta provat li, ghalkemm il-konvenut esternament ghaddiet minn cerimonja matrimonjali u ta l-kunsens tieghu ghal dan, huwa internament b' att posittiv tal-volonta' tieghu, eskluda ad insaputa ta' l-attrici, wiehed mill-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg..

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali ta' l-attrici kien vizzjat bis-simulazzjoni fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255 – u dan ghar-raguni unikament attribwibbli lill-konvenut li ghalhekk ghandhu jbati l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fis-6 ta' Dicembru 2003 huwa null u bla effett fil-ligi; bl-ispejjez a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------